# IX-XITLA TAL-GHANSAR

*Ix-xitla tal-għansar*
*mimlija bis-semm;*
*kull ħliqa li dduqha*
*timtela bil-hemm;*

*Iżda ommna n-Natura*
*trid taħdem bħal lsira*
*sa meta titrabba,*
*sa meta ssir kbira;*

*Ix-xemx mal-ġurnata*
*b'sidirha leqqien*
*trid toqgħod treddagħha*
*u żżoqqha bl-ilwien;*

*Ix-xita mill-baħar*
*trid titla' sas-sema,*
*u wara mill-għoli*
*lejn l-art trid tintrema;*

*Bil-ħamri fejjiedi*
*ir-riħ il-ħamsin*
*irid jiġi mgħobbi*
*minn l-art ta' l-Għarbin.*

*U wara dil-ħidma*
*tal-għaraq tad-demm,*
*ix-xitla tal-għansar*
*timtela bis-semm.*

A. Buttigieg.